

# Is-Swar ta' Santa Margerita u tal-Kottonera

**Joseph Serracino**



Illum nosservaw, li ħafna mit-turisti li jżuruna tinteressahom ħafna l-istorja ta' pajjiżna. Turisti Ingliżi li ltqajt magħhom f'Xatt ir-Risq ikkummentaw miegħi dwar is-sbuħija tal-Port il-Kbir u l-firxa kbira tas-swar għoljin u massiċċi li jdawru l-bliet tagħna. Dawn is-swar huma meqjusa bħala l-isbaħ fortifikazzjoni tas-sura tagħhom li hawn fid-dinja. Għalkemm f'xi portijiet Mediterranji wieħed jinnota diversi tipi ta' fortifikazzjonijiet matul ix-xtut tagħhom, jingħad li swar bħal tagħna ma ssib imkien bħalhom. Ovvjament, din il-fortifikazzjoni qawwija hija xhieda reali tal-istorja kbira militari li għadda minnha l-Port il-Kbir f'epoki differenti, u dan l-aspett storiku jkompli jqanqal interess u kurżitajiet kbar fost l-eluf kbar ta' turisti li jżuruna ta' kull sena.

L-ewwel fortifikazzjonijiet li nbnew madwar il-Port il-Kbir, il-Forti Sant'Jiemu (1552) u l-Forti San Mikiel (1553) kienu saru biex isaħħu d-difiża



tal-Port il-Kbir minħabba l-biża' u t-theddida kontinwa ta' xi ħbit għal għarrieda mill-furbani, li minkejja fostna kellna l-kavallieri ta' San Gwann xorta waħda baqgħu jersqu lejn xtutna u jħallu ħerba warajhom. It-tisħiħ tas-swar tal-Forti Sant'Anġlu, il-fortifikazzjoni tal-Birgu (1535) s-swar madwar l-Isla (1553) nbnew biex jilqgħu assedju fit-tul kif fil-fatt seħħ fl-1565, waqt li l-bini tas-swar madwar il-belt Valletta (1566), it-tlugħ tas-swar madwar il-Furjana (1635), il-linji ta' swar ta' Santa Margerita (1638) u tal-Kottonera (1670) u l-bini tal-Forti Rikażli (1670) nbnew bħala prevenzjoni għal xi assedju ieħor li sa nofs is-seklu Sbatax deher imminenti ħafna.

Wara l-Assedju l-Kbir kien stmat li s-somma meħtieġa biex jibnu mill-ġdid is-swar tal-Birgu, l-Isla u Sant'Anġlu li kienu ġarrbu ħsarat kbar matul l-assedju kienet toqrob is-somma meħtieġa biex tinbena belt ġdida fuq l-Għolja Xebb-er-Ras. Waqt li l-ħajja fl-Isla u l-Birgu reġgħet ġiet għan-normal wara l-assedju, il-manutenzjoni fuq is-swar tagħhom saret bil-għaġla. Kien żmien meta l-konċentrazzjoni, l-enerġija u r-riżorsi tal-Ordni kienet aktar mitfugħa fuq il-bini tal-belt Valletta fuq l-Għolja Xebb-er-Ras, u minkejja d-deċiżjoni li kienet ittieħded biex jibnu is-swar tal-Isla u l-Birgu, sal-1568 kienu għadhom fi stat ħażin ħafna.

### Is-Swar ta' Santa Margerita

Meta fl-1633 beda jiġri l-għajdut li t-Torok kienu qegħdin jarmaw flotta kbira biex jaħbtu għal Malta, l-Ordni għamlet spezzjoni b'reqqa kbira fuq is-swar tal-bliet tal-Isla u l-Birgu u l-Forti Sant'Anġlu. Kien smat li biex issir il-manutenzjoni fuqhom kienet meħtieġa s-somma ta' 33,000 skud. Fl-1638 wasal Malta l-inġinier militari Vincenzo Maculano minn Firenzuola (il-belt fejn twieled) – patri Dumnikan u inġinier militari li bejn l-1627 u l-1629 kien l-inkwiżitur ta' Genova. Fir-rapport tiegħu dwar id-difiża tal-Port il-Kbir, Firenzoula enfasizza, li l-Għolja ta' Santa Margerita kienet l-aktar post dgħajjef għad-difiża tal-Port il-Kbir, u jekk din l-għolja strateġika kienet taqa' f'idejn l-għadu, dan seta' faċilment jattakka b'qawwa kbira liż-żewġt ibliet tal-Isla u l-Birgu.

Fuq parir tal-Kunsill tal-Ordni, il-Gran Mastru l-Gran Mastru Lascaris ikkummissjona lil Firenzoula biex jippjanta linja ta' swar li kapaċi ssaħħaħ id-difiża tal-ibliet. Fis-26 ta' Novembru 1638 Firenzuola ppreżenta rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-fortifikazzjoni lill-Kunsill tal-Ordni. L-istima oriġinali biex jinbew is-swar ta' Santa Margerita kienet ta' 70,000 skud għalkemm xi kritiċi li kienu kontra dan il-proġett bdew isostnu li kienu jeħtieġu aktar minn 100,000 skud biex jitlestu. L-ewwel ġebla tas-swar ta' Santa Margerita tqiegħdet fit-30 ta' Diċembru 1638.

Peress li fl-1638 (73 sena wara l-Assedju l-Kbir) xi partijiet mis-swar tal-bliet tal-Birgu u l-Isla kienu għadhom imġarrfin kawża tal-bumbardamenti qliel li kienu saru fuqhom mill-batteriji li t-torok kienu armaw fuq l-għoljiet tas-Salvatur, Santa Margerita u Kordin, l-inġinier Firenzuola ddisinnja pjanta ta' linja ta' swar b'saħħithom b'sitt bastjuni f'forma ta' nofs ċirku li tibda mill-foss tal-Birgu, iddur ma' Bormla u tasal sal-Isla.

Għalkemm l-Ordni aċċetat il-pjanta ta' Firenzuola u nbeda x-xogħol fuqhom, kien hemm bosta inginieri militari li ma qablux miegħu għax sostnew li l-proġett kien wieħed ambizzjuż ħafna, ħtieġlu spejjeż kbar, ried ħafna żmien biex jitlesta u kienu meħtieġa eluf ta' suldati biex jiddefenduhom. Peress li fl-istess żmien kien inbeda wkoll ix-xogħol fuq is-swar tal-Furjana fuq pjanta tal-inġinier Taljan Pietro Paolo Floriani x-xogħol fuq is-swar ta' Santa Margerita twaqqaf bosta drabi, kemm minħabba nuqqas ta' riżorsi ta' flus kif ukoll nuqqas ta' ħaddiema.

Kien proprju fl-1736 meta s-swar ta' Santa Margerita tlestew u għalqu warajhom lit-tlett ibliet tal-Birgu, l-Isla u Bormla u lid-Daħlet ix-Xwieni li fiha kienu jsorġu x-xwieni tal-Ordni. B'danakollu għalkemm din il-linja ta' swar kienet twila madwar 1900 metru u tinkludi fiha sitt bastjuni (ta' Firenzuola, ta' Santa Margerita, ta' Santa Liena, ta' San Gwann Almonier, ta' San Franġisk de Paola u ta' San Rafel) il-periti militari kienu tal-fehma li għalkemm is-swar kienu għoljin u jidhru b'saħħithom dawn ma kinux jifilħu assedju fit-tul. Bla dubju ta' xejn l-isbaħ bieb fis-swar ta' Santa Margerita hu dak ta' Santa Liena.

### Is-Swar tal-Kottonera

Mid-dehra, meta fl-1663 Nicolas Cottoner laħaq Gran Mastru tal-Ordni ma tantx kien kuntent bil-linja tas-swar li kienet qed tinbena fuq l-Għolja ta' Santa Margerita. Kien jaf li kien hemm diversi inġiniera militari li kienu jqisu lil dawn is-swar bħala dgħajfa ħafna, u jekk l-għadu jirnexxilu jeħodhom, kien jaħtaf ukoll lill-bliet tal-Birgu u l-Isla u jdawwar il-kanuni tagħhom għal fuq il-Belt Valletta. Fil-fatt, wara li l-gżira ta' Candia (Creta) waqgħet f'idejn it-Torok fl-1669 bdew jiġru l-għajdut li t-Torok kienu qegħdin iħejju flotta kbira biex jaħbtu għal Malta. Il-Kunsill tal-Ordni minnufih dawwar ħarstu fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-port u xtaq issaħħaħhom u għalhekk bagħat għall-inġinier Antonio Maurizio Valperga, il-kap ingineer militari tad-Duka ta' Savoja u talbu jagħmel rapport fuq id-difiża tal-gżejjer Maltin.

Fir-rapport tiegħu tal-1670, Valperga ssuġġerixxa li linja ta' swar ġodda li jokkupaw l-għoljiet ta' madwar il-Port il-Kbir isaħħu ħafna d-difiża tat-tlett

ibliet, waqt li joffru wkoll difiża adekwata f'każ ta' assedju fit-tul. Il-Kunsill tal-Ordni aċċetta l-pariri ta' Valperga u talbu biex jagħmel pjanta tas-swar ġodda. L-ewwel ġebla tas-swar tal-Kottonera tqiegħdet fit-28 ta' Awissu 1670.

Din il-linja ta' swar li kienet twila madwar 5 kilometri nbdiet f'Awwissu 1670 u damet biex tlestiet madwar 100 sena. Kienet tikkonsisti fi tmien bastjuni u tmien bibien (tas-Salvatur, San Luwiġi, San Ġakbu, Notre Dame (oriġinalment Madonna tal-Grazzja), San Klement, Polverista, San Ġwann u San Pawl) u kien ikkalkulat li kienu jeħtieġu madwar 6,000 suldat biex jiddefenduha f'każ ta' assedju. Ix-xogħol fuq dawn is-swar twaqqaf kemm-il darba minħabba nuqqas ta' flus, kif ukoll minħabba ċ-ċaqlieq ta' ħaddiema li minn żmien għal ieħor kellhom bżonnhom fuq proġetti oħrajn. Originalment kien ippjanat li bejn iż-żewġ linji ta' swar ma jinbena xejn biex f'każ ta' xi assedju, din il-medda art kbira tkun tista' tagħti kenn lil madwar 50,000 persuna li kienu jgħixu barra s-swar.

Sintendi matul is-snin xi wħud minn dawn is-swar ġew modifikati skont il-ħtiġijiet li nqalgħu matul iż-żmien. Parti minn dawn is-swar ġew imċarrta biex jinfetħu toroq ġodda jew saru mini fihom. Sfortunatament xi wħud mill-bibien sbieħ fis-swar tal-Kottonera ġew imbarrati bil-ġebel fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi u għadhom hekk sal-lum.

Snin ilu sar ir-restawr tal-Mina ta' Santa Liena. Mid-dehra, waqt li kien qed isir xi xogħol ta' skavar taħt din il-mina nstab, li fil-pedamenti tagħha hemm bieb ieħor bit-taraġ li aktarx xi darba kien jinfed għal ġo xi maħżen fis-swar. Ħaġa tal-iskantament hu l-fatt, li l-ġebel li ntuża għall-pediment ta' dawn is-swar ma jidhrux li ġew mittiefsa mill-ilmijiet u l-umdità li ġġeneraw f'dawn l-inħawi. Fortunatament b'riħet dawn l-iskavi, għallanqas jien qed nassumi, inkixef wiċċ il-Wied li fuqu nbnew dawn is-swar maestużi...

## Riferenzi:

Pietru Pawl Castagna: L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha, 1888, p.102
Joseph F. Grima: Żmien il-Kavallieri f'Malta 1530 - 1798: pp.136,137.
Alfie Guillaumier: Bliet u Rħula Maltin, Ed.1972. p.55
Alison Hoppen: The Fortification of Malta by the Order of St. John 1530-1798
Stephen C. Spiteri: Discovering the Fortifications of the Order of St. John in Malta
Joseph Serracino: Frak mill-Istorja - Il-Belt Cospicua. Il-Ħadd magazin, 2 ta' Marzu, 2003,p.6
Vincent Zammit: Is-Swar u l-Fortifikazzjonijiet; 90,91,92, 93.
Vincent Zammit: Is-Swar tal-Kottonera: Mument, 29 ta' Awwissu, 1999, p.3.
Vincent Zammit: Imkejjen Storiċi: Il-Mument (Fukus) 3 ta' Frar, 2002. p.16.